

# L-Istatwa tal-Madonna tar-Rużarju fir-Rotunda tal-Mosta

**Dr Keith Cilia Debono**

Il-Mostin kienu devoti tar-Rużarju Mqaddes, sa minn qabel ma bnew ir-Rotunda. Fil-knisja l-qadima kien hemm artal iddedikat lill-Madonna tar-Rużarju. Sa minn żmien is-seklu sbatax, fil-Mosta kien hawn Fratellanza tar-Rużarju li kienet tieħu ħsieb li xxerred id-devozzjoni lejn il-Madonna. Din il-Fratellanza ħadet ħsieb li ssir l-istatwa tal-Madonna tar-Rużarju li għadha hawn sal-lum u li kienet tinħareġ fil-purċissjoni ta' Santa Marija qabel mal-iskultur Mosti Salvu Dimech (is-Sartx) tana l-ewwel statwa tal-Madonna Mtellgħa s-Sema fis-sena 1868.

L-istatwa tal-Madonna tar-Rużarju tnaqqxet fl-injam minn Pietro Paolo Zahra u tpittret minn ibnu Francesco. Kienet l-ewwel statwa proċessjonali fil-Mosta li saret fil-bidu tal-parrokat tal-Kappillan Dun Ġwann Anġ Sammut fl-1742.



*Il-Madonna tar-Rużarju (1742)*



*Il-lapida sepukrali tal-Kappillan Ġwann Anġ Sammut fir-Rotunda (1742-1758)*

Fil-bidu tas-seklu għoxrin, wieħed mill-prokuraturi tal-Fratellanza tar-Rużarju fil-Mosta kien il-qassis Mosti Dun Ġwann Muscat magħruf bħala 'tax-Xluqi'. Huwa ħa ħsieb jagħti dehra isbaħ lill-vara tal-Madonna tar-Rużarju. It-tibdil li sar kien jikkonsisti fit-tneħħija ta' biċċa mill-mant biex il-figura tal-Madonna tingħata dehra isbaħ.

## Il-Kappillan Dun Ġwann Anġ Sammut

Dun Ġwann Anġ Sammut kien qassis Mosti li ntgħażel mill-Isqof Alpheran de Bussan bħala kappillan tal-

Mosta. Ħa l-pussess fl-20 t'April 1742 u miet fis-26 ta' Marzu 1758. Fis-sagristija tar-Rotunda għadna nistgħu naraw xbiha tiegħu, minn pittur mhux magħruf.

Huwa kien indifen fil-knisja parrokkjali l-qadima, iżda meta nbniet ir-Rotunda, il-lapida sepulkrali tqiegħdet f'nofs il-kappella tal-Kurċifiss fejn għadna narawha sal-lum (Borg, 2008).

## Pietro Paolo Zahra u Francesco Zahra

Pietro Paolo Zahra (1685-1747) magħruf bħala 'tal-iskarpellin', mill-Isla, jibqa' msemmi għal xogħol ta' tinqix fl-istil Barokk, l-iktar fil-ġebla u fl-injam. Jingħad illi kien jikkonsulta ma' Pietro Paolo Troisi f'dawn ix-xogħlijiet (Debono, 2011). Insibu ħafna xogħlijiet tiegħu fil-bliet ta' madwar il-port, però ma jonqsux xogħlijiet oħra tiegħu bħal f'Birkirkara, Ħal Balzan, Ħaż-Żebbuġ, iż-Żejtun, iż-Żurrieq, ir-Rabat u l-Imdina, apparti l-Mosta.

Ibnu Francesco Vincenzo (1710-1773) jibqa' iktar magħruf għal xogħol ta' pittura, kemm fi knejjes u kunventi f'Malta u f'Għawdex, ibda mill-Kattidral u f'kollezzjonijiet privati. Ftit nafu dwar tfulitu. Madankollu, minn xi ittri li kiteb u li għadhom magħna, jidher li ngħata xi forma ta' edukazzjoni (Buhagiar, 1996). Hu kien jakkumpanja l-missieru iktar ma kiber



*Francesco Zahra (1710-1773)*

fl-età f'kummissjonijiet fi knejjes. Ġieli kellu xogħlijiet ukoll, flimkien ma' Antoine Favray (Depiro, 2002). Xogħlijietu huma fuq l-istil Barokk u huma meqjusa artistikament u teknikament ta' livell iktar għoli minn ta' Gio Nicola Buhagiar, artist kontemporanju li seta' kien l-għalliem tiegħu stess (Debono,1996).

Ftit wara li żżewweġ, Francesco mar joqgħod il-Belt Valletta[1] u kellu tlett itfal: Aurelio, Luigi u Praessede. Wara mewtu, huwa ħalla lil uliedu s-subien għadd kbir ta' disinji, għodod u pitturi illi kellu fil-ħanut. Lil Praessede ħallielha bosta pitturi oħra fosthom pittura tiegħu nnifsu, possibliment l-istess waħda li llum tinstab fil-Mużew Nazzjonali tal-Arti (Debono,2011).

## Dun Ġwann Muscat (Tax-Xluqi)

Dun Ġwann Muscat twieled il-Mosta fis-17 ta' Diċembru 1869, iben Nicola[2] u Anna neé Quattromani. Kienu jsibuh bħala 'Tax-Xluqi' għaliex il-familja tiegħu kellha l-oriġini tagħha fis-Siġġiewi, fejn jinsabu n-naħat 'Tax- Xluq'. Huwa kien joqgħod fid-dar li llum iġġib n-numru 316 fi Triq il-Kbira.

Dun Ġwann, flimkien mal-familja tiegħu kienu ta' għajnuna għal Dun Anġ Camilleri li kien prokuratur tal-knisja għall-ħabta tal-bidu tas-seklu għoxrin u li ħa ħsieb diversi opri ta' tiżjin li taw dehra isbaħ lir-Rotunda. Isem Dun Ġwann jidher minqux flimkien ma' dawk ta' saċerdoti oħrajn fuq lapida f'nofs il-qiegħa tal-kor li tfakkar il-kontribut tagħhom ilkoll għall-kisi tal-paviment tal-knisja li kien taċ-ċangatura, għal wieħed fl-irħam, fi żmien il-parrokat tal-Arċipriet Pawlu Mallia, fil-bidu tas-seklu għoxrin.

Fl-1923, Dun Ġwann kien strumentali sabiex tissebbaħ l-istatwa tal-Madonna tar-Rużarju. Ix-xogħol ta' skultura marbut mat-tiġdid tal-istatwa sar fid-dar ta' Ġużeppi Galea, li kien miżżewweġ lil Grazzja, oħt Dun Ġwann. Ġuzeppi u Grazzja Galea huma l-ġenituri tal-bużnanna tiegħi, Regina (miżżewġa Debono). B'sinjal ta' rispett lejn il-Madonna, Ġużeppi ġabar il-fdal li ħalla warajh l-iskultur u difnu fil-ġardin li kellu ma' din id-dar (Cilia-Debono, 2014). Din id-dar, li għad hemm fdalijiet tagħha, tinstab fi Triq il-Pont.[3]

Dun Ġwann Muscat miet, proprju disgħin sena ilu, fil-21 ta' Settembru 1925, fl-età ta' ħamsa u ħamsin sena u ndifen f'qabar tal-familja fiċ-ċimiterju tal-Mosta. Fl-istess qabar indifen warajh neputi tiegħu, Dun Ġwann Debono – ħu n-nanna tiegħi, Roża – u l-awtur tal-Innu tal-Inkurunazzjoni tal-Assunta (1975).



*Dun Ġwann Muscat (1869-1925) (Ħajr: Familja Muscat)*

**Għeluq**

L-istatwa tal-Madonna tar-Rużarju ilna ngawduha fil-Mosta 'l fuq minn mitejn u ħamsin sena. Għandna x-xorti li ġiet minquxa u mpittra minn familja magħrufa fis-sengħa tal-iskultura u l-pittura tas-seklu tmintax u li ġiet miżmuma bl-akbar għożża saż-żminijiet tal-lum. Jalla li l-għan li għaliha din ix-xbiha tal-Madonna saret – dik ta' mħabba u qima lil Ommna Marija bħala patruna tagħna l-Mostin – jibqa' wkoll minqux fi qlubna għaż-żminijiet li ġejjin.

## Noti:

1 http://www.islalocalcouncil.com/promseng.htm

2 Fir-Reġistru tal-Magħmudija, isem it-tarbija jidher bħala 'Joseph, Joannes, Angelus' iben Nicola Muscat u Anna nee Quattromani. Għalkemm fir-Reġistru tal-Magħmudija l-ewwel isem tiegħu jidher dak ta' Ġużeppi, kienu madankollu jsejħulu Giovanni.

3 Partijiet minn din id-dar twaqqgħu għall-ħabta tal-aħħar tas-snin sittin u bidu tas-snin sebgħin biex titwessa' t-triq.

## Referenzi:


Borg, Joseph GM (2008). 'Il-Kappillani u l-Arċiprieti li kellha l-Parroċċa tal-Mosta', *Il-Mosta Ġrajjietha u Niesha,* Frans Deguara (Ed), Soċjetà Filarmonika Nicolò Isouard, Mosta.

Buhagiar, Mario (1996), *Zahra, Francesco (1710 - 1773), painter,* Oxford Index, Volume Grove Art Online, http://oxfordindex.oup.com/view/10.1093/gao/9781884446054.article.T093153

Cilia Debono, Emanuel (2014), 'Dun Ġwann Muscat (Tax-Xluqi), Saċerdot ħabrieki', *Festa Santa Marija 2011,* Socjetà Filarmonika Nicolò Isouard, Mosta.

De Piro, Nicholas (2002), *The International Dictionary of Artists who painted Malta,* Second Edition, AVC Publishers, Malta

Debono, J (1990), 'The Will of Francesco Zahra 1710-1773', *Melita Historica,* http://melitensiawth.com/incoming/Index/Melita%20Historica/MH.10(1988-91)/MH.10(1988)3/orig03.pdf

Debono, J (2011), 'The carving works of Pietro Paolo Zahra and his son Francesco', *Times of Malta,* http://www.timesofmalta.com/articles/view/20110207/books/the-carving-works-of-pietro-paolo-zahra-and-his-son-francesco.349085 , Monday 7 Feb, 2011.



GEORGE AQUILINA
Water Proofing Services
Għal kull xogħol ta' bjut u membrane, kisi, tibjid, fuq il-fil, katusi, ġibs, graffiato u xogħol fuq l-antik, kisi ta' swimming pools u bjar
Triq Ferdinald Calleja, Mosta. Tel./Fax. 21 423 868
'Rainbow'
Tel. 21 4124 448 - Mob. 9949 6436